**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 21 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**vs**
**Omissis**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra omissis.

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Ottubru 2022 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi hinijiet;

1. Ikkaguna lil martu u cioe' omissis 2 li tigi omm iz-zewg uliedu omissis 3 u omissis 4, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xihadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, liema reat twettaq ripetutament u sar quddiem minuri.

U aktar talli nhar id-19 ta' Ottubru 2022, bejn it-15.30hrs u l-16.15hrs;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja martu omissis 2 f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-mara tieghu l-istess omissis 2 li tigi omm iz-zewg uliedu omissis 3 u omissis 4, hekk kif iccertifikaha Dr. Robert Patinott (Med Reg. 1860), liema reat sar quddiem minuri.

3. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra martu u cioe' Omissis 2.

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Omissis 1 a benefiċċju ta' Omissis 2 u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog Ordni ta' Trattament u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Omissis 2 sabiex tinżamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Omissis 1 billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Omissis 1 b'Obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Omissis 1 sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qortyi hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta'il-proceduri, il-fedina penali netta

tieghu u l-fatt li huwa lest li jiehu l-kura necessarju biex jeghleb il-vizzji ta' xorb u alkohol.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 202(h)(i)(iv)(v)(j), 214, 221(1), 222(1)(a), 251B, 251H(a)(b)(d), 251HA, 222, u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Omissis 2 qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment; u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' tlett (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss, u jekk ma joqghodx ghall-htigijiet ta'l-Ordni ta' Probation, ta'l-Ordni ta' Trazzin u ta' l-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Porbation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**